MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tat-12 ta' Settembru, 2005

Rikors Numru. 23/2001/1

Kummissarju tal-Artijiet
Vs
Scicluna Enterprises (Gozo)Ltd

Il-Bord,

Ra r-rikors tal-Kummissarju ta l-Art li jesponi bir-rispett:

Illi s-socjeta intimat giet notifikata b'avviz ghall-ftehim datat 23 ta Marzu 2001 fejn giet infurmata li l-kumpens li l-Awtorita kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art f'Marsalforn limiti Xaghra illum limiti Zebbug, Ghawdex tal-kejl ta cirka 87.57 metri kwadri li tmiss mill-Lbic ma Triq Ghar Qawqla mill-Grigal u mill-Majjistral ma propjeta ta Scicluna Enterprises (Gozo) Limited huwa ta elf erba mija u hamsin Lira Maltija (Lm1450) kif jidher mir-rapport ta Fred H Valentino A&CE ta Lulju 2000 liema data erronjament tnizzlet bhala 15 ta Gunju 2000 fl-Avviz ghall-Ftehim fuq imsemmi u liema

kopja tar-rapport tieghu qed tigi notifikata lilek ghall-finijiet tal-ligi;

Illi b'ittra ufficjali datata 4 ta April 2001 s-socjeta intimata fost affarijiet ohra tiddikjara illi ma taccetax il-kumpens offert u titlob illi dan ghandu jkun ta Lm78,000;

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lis-socjeta intimata biex tittrasferixxi favur ir-rikorrent b'titolu ta xiri assolut bhala franka u libera l-bicca art fuq imsemmija jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relativ f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet dwar l-Akkwist ta Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88)

Ra r-risposta tal-intimati:

Illi bil-prezenti Att Guidizzjarju s-socjeta kummercjali Scicluna Enterprises (Gozo) Limited, filwaqt li tirriferik ghall-Avviz Ghall Ftehim tieghek datat 23 ta Marzu 2001, tgharrfek ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi li l-kumpens minnek lilha offert ghax-xiri assolut da parte ta l-Awtorita kompetenti, bhala libera u franka, ta bicca art f'Marsalforn limiti Xaghra, illum limiti Zebbug, Ghawdex, tal-kejl ta circa seba u tmenin punt decimali u hamsa sebgha metri kwadri (87.57 m.k.) li tmiss mill-Lbic ma Triq Ghar Qawqla mill-Grigal u mill-Majjistral ma propjeta ta Scicluna Enterprises (Gozo) Limited, huwa inaccettabbli.

Illi b'dan l-istess Att Giudizzjarju s-socjeta mittenti tgharrfek ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi li hi tippretendi minghandek kumpens ta Lm78,000 jew somma verjuri ghax-xiri assoluta ta l-istess imsemmija art, kif jirrizulta mill-anness certifikat tal-Perit Saviour Micallef, datat 31 ta Marzu 2001, stante li dan l-ammont jirrifletti l-valur li l-istess tista ggib kieku tigi mibjugha fis-suq min sidha volontarjament.

Sema x-xhieda bil-gurament

Ra l-atti u d-dokumenti kollha

Ra d-digriet tieghi tal-14 ta Gunju 2002 li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Joseph Mizzi u l-AIC David Pace

Ra r-relazzjoni ta l-imsemmija periti li biha stabbilew li l-art hija fabbrikabbli.

Jilqa t-talba tar-rikorrent u jordna lis-socjeta intimata li tghaddilu b'titolu ta xiri assolut bhala franka u libera l-bicca art f'Marsalforn, limiti ta x-Xaghra, llum limiti Zebbug, Ghawdex tal-kejl ta circa seba u tmenin punt decimali u hamsa sebgha metri kwadri (87.57 m.k.) li tmiss mill-Lbic ma Triq Ghar Qawqla mill-Grigal u mill-Majjistral ma propjeta ta l-istess socjeta intimata, bil-prezz ta hamsa u sittin elf u hames mitt lira Maltija (Lm65,500) kif stmata mill-periti fuq imsemmija; jahtar lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att opportun, fil-21 ta Novembru fl-10.00am fl-Ufficcju tar-rikorrenti, jahtar lid-dottoressa Daniela Mangion biex tidher fuq l-att ghall-kontumaci. L-ispejjez ghandhom jigu sofferti mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offert mill-Awtorita kompetenti u dak stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord; ir-rikorrent ghandu jgharraf lill-konvenuti bil-jum u l-hin tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------